Minuti tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija- Nru 9 tat-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru 9**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**18 ta' Frar 2020**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 28, Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.10 ta' wara nofsinhar.

---

**PREŻENTI:**

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Johnny Vella - Kunsillier

Domenic Zerafa - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENT:**

Marion Attard- Segretarju Eżekuttiv

**9.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

9.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

**9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

9.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 8 li saret nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar 2020 kienu ġew ċċirkolati b'imejl minn qabel il-laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**9.3.1 Komunikazzjoni mis-Sindku**

9.3.1 **Assistent Prinċipal** Is-Sindku awgura l-ħidma t-tajba lill Mary Haber li kienet preżenti fil-kamra tal-Kunsill wara li kienet reġħet lura l-Kunsill wara sentejn u nofs nieqsa mill-Kunsill wara li kienet marret taħdem fis-Segretarjat tal-Ministeru t'Għawdex. Is-Sa Haber irringrazzjat lill-membri tal-Kunsill kollha li laqgħuha lura u stqarret li kiene ħa taħdem b'qalbha għar-raħal li kienet tant tħobb. Hi kkomunikat li s-sentejn u nofs li fihom kienet nieqsa kisbet esperjenza li kienet ser issarraffha għall-ġid tal-Kunsill u l-kommunita'. Is-Sa Haber ħarġet mill-kamra. Waqt il-laqgħa fuq talba tas-Sa Mary Haber ġie diskuss anke l-post minn fejn ser topera. Filwaqt li s-Sindku kien tal-opinjoni li tibqa' fl-Exhibition Hall, il-Kunsilliera qablu li għandha titpoġġa ħdejn iż-żewġ ħaddiema l-oħra. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li jitpoġġew żewġ imwejjed daħar ma' daħar għal tulhom (bl-inidividwi jħarsu lejn xulxin, daharhom mal-ħajt). Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li dik għandha tibqa' Exihibtion Hall kif inhi miktuba u mhux tinbidel f'uffiċju.

9.3.2 **Transferiment ta' ħaddiem** Is-Sindku kkomunika li kellhu talba minn persuna li sofra diżabilta' f'inċident tat-traffiku biex jiġi allokat mal-Kunsill tax-Xewkija. Is-Sindku elenka li jixtieq ħafna li jgħin lil din il-persuna anke wara li kien il-Kunsill stess li kien applika taħt skema ta' inklussivita' għall-persuna b'diżabilta' fis-sajf li għadda. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li għal din l-iskema ħadd ma kien applika. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew il-fatt li l-uffiċini tal-Kunsill m'huma xejn attrazzatti biex persuna b'problemi ta' mobilta' jkun jista' jaħdem fil-Kunsill. Ma ġiet ipprezentata l-ebda talba formali bil-miktub min-naħa tas-Sindku. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet li din il-persuna tingħatalha xogħol ta' *telephone operator*. Is-Sindku qal li fil-post tax-xoghol preżenti huwa hekk imniżżel bhala telephone operator pero' ma jaghmilx dan ix-xoghol. Il-Viċi Sdku u l-Kunsilliera Jeanelle Attard qalu li ma jsibux oggezzjoni sakemm ix-xoghol li jingħatalu ma jkunx ta detriment ghalih (minħabba d-dizabbilita' tiegħu).

**9.3.1 Triq Sant'Eliżabetta** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministru t'Għawdex kien talab laqgħa mas-Sindku u mal-kuntrattur. Ix-xogħol kien skedat li jibda fil-bidu ta' Marzu 2020 wara li fil-laqgħa kien deċiż li jingħata perjodu ta' żmien li l-koperazzjoni tal-ilma, dawl, Melita u Go biex jara jekk hemmx bżonn li jsiru xi trinek. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li ma jixtieqx li l-kuntrattur jibda f'din it-triq u ma jkomplix peress li f'din it-triq hemm diversi negozji.

**9.3.2** **Nuqqas ta' Dawl fi Triq Il-Ħamrija** Is-Sindku kkomunika li waqt li ġie ppreżentant ir-rapport imħejji minn GaleaCurmi Engineering fejn jelenka fejn hemm bżonn li jiżdiedu bozoz jew żieda ta' voltaġġ, għalissa l-Ministeru ma setax jidħol għal din l-ispiża u għalhekk is-Sindku kien qed jisuġġerriexxi li jsiru bozoz fejn verament hemm bżonn. Il-Kunsill qabel ma' dan. Il-Kunsill iddiskutta li waqt li t-triq ġiet verament sabiħa kemm ilha li ġiet asfaltatat hemm numru ta' problemi li baqgħu ma ġewx indirizzati fosthom li għandek żewġ *zebra-crossing* bla dawl. Iż-*zebra crossing* quddiem l-iskola għandha l-*belishia lights* mitfija waqt li z-*zebra crossing* bejn is-*supermarkets* għalkemm hemm it-tappieri għad ma ġewx installati l-belishia lights. Il-Kunsillera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni fuq in-numru ta' traffic signs fosthom *No Right Turn* fejn l-iskola u numri ta' tabelli *One-Way* li qed jifxlu n-nies peress li qegħdin mwaħħlin fil-post ħażin fosthom. Is-segretarju ħadet nota biex minnufih tintbagħat imejl b'dawn il-punti.

**9.3.3** **Belvedere f'Tal-Barmil** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit kien qed jaħdem fuq disinn għal dan il-Belvdere. Il-Viċi Sindku talab li niċċekja mal-Perit biex nesploraw il-possibilta' li ssir applikazzjoni taħt id-*Development Planning Fund.*

**9.3.4** **Pelican Lights fi Triq L-Imġarr** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien irċieva numru tal-lmenti minħabba sewqan eċċessiv fi Triq L-Imġarr. Ir-residenti qed isibu problema biex jaqsmu t-triq b'mod sigur hekk kif is-sewwieqa sfortunatament ma jieqfux meta jaraw lil xi ħadd jaqsam fuq iż-*zebra crossing* qrib il-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena. Is-Sindku ġie infurmat minn TM li l-installazjoni għall-*Pelican Lights* għandha ssir fil-futur qarib.

**9.3.5** **Ħarġa Malta tal-Għid** Is-Sindku ssuġġerriexxa li fuq talba ta' diversi residenti ssir ħarġa Malta li tkun relatata mal-Ġimgħa Mqaddsa u fost postijiet ta' interess tinkludi żjara lir-Redentru fl-Isla. Il-Kunsill iddiskuta li l-Erbgħa 8 t'April 2020 tkun l-aħjar ġurnata għax anke ġenituri bit-tfal ikunu jistgħu jattendi peress li tkun l-ewwel ġurnata tal-vaganzi.

**9.3.6** **Każ Kunsill Lokali Xewkija vs Vodafone** Is-Sindku spjega li kienet intbagħtet korrispondenza fuq dan il-każ li jmur lura ħafna snin fejn il-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-avukat li fl-aħħar smiegħ kien deċiż li kulħadd għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu. Il-Kunsill iddiskutta l-fatt li l-avukat tal-Kunsill għandu konflitt ta' interess hekk kif l-antenni qegħdin fuq post tal-istess avukat. Is-segretarju ħadet nota biex tiċċekja mal-avukat kif għandna nimxu fuq dan każ.

**9.3.7** **Latrina Ġnien Il-Ħaddiem** Is-Sindku kkomunika li kien xieraq li l-latrina ta' Ġnien Il-Ħaddiem tibda tinfetaħ anke wara li residenti ġibdu l-attenzjoni li turisti jsaqsu għat-*toilets.* Waqt li s-Sindku ssuġġerriexxa li jieħdu ħsieb din il-latrina ix-Xewkija Tigers. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew li din kellha tinfetaħ mill-Għaqda Organizzattiv tal-Ħamrija għax hekk kien diskuss is-sena li għaddiet.

**9.3.8** **Proposta biex isir ktieb fuq Ix-Xewkija** Is-Sindku ppropona li jsir ktieb fuq ix-Xewkija li apparti postijiet ta' interess fix-Xewkija jinkludu nies u snajja' relatati mar raħal tax-Xewkija simili għall-ktieb li riċentament ġie ppublikat mill-fotografu Daniel Cilia. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew u qablu li ktieb ta' din ix-xorta għandu jinkludi ritratti minn fotografisti mix-Xewkija.

**9.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

9.4.1 Il-Viċi Sindku ppropona li dawn il-persuni flimkien miegħu jkunu fuq is-sotto-kumitat Ġemellaġġ Castelvenere.

Frank Grima

Teddy Mizzi

Mario Camilleri

Yvonne Camilleri- Segretrarju

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ppproponet li dawn il-persuni flimkien magħha jkunu fuq is-Sotto-Kumitat Tfal, Edukazzjoni u Żgħażagħ.

Jennifer Mercieca

Jacqueline Camilleri

Mariosa Theuma-Segretarju

Carmen Mifsud

Ritienne Attard

Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li peress li hemm persuna proposta għal fuq sotto-kumitat li għandha sentenza ta' interdizzjoni hi kienet se titlob gwida lid-Dipartiment biex b'hekk tiżgura li din il-persuna tista' toqgħod fuq sotto-kumitat. Is-Segretarju elenkat li dan se tagħmlu biex taċċerta li l-Kunsill jimxi dejjem mal-liġi u bl-ebda mod ma tiġi mtappna r-reputazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irrimarkat li illum il-ġurnata dan il-persuni sa għandu passaport u li d-drittijiet jibdew jingħataw ftit ftit. Għaldaqstant ma kinitx qed tara li hemm għalfejn li jittieħed il-parir tad-Dipartiment peress li din il-persuna ser tagħmel xogħol fuq bażi vololntarja allura m'hemmx ħlasijiet involuti. U bħal m'għamel dejjem s'issa fl-opinjoni tal-istess Kunsilliera kellu jitħalla jkompli bil-ħidma siewja tiegħu għal ġid tal-ġemellaġġ u attivitajiet oħra tal-Kunsill

Is-segratarju għarrfet lill-membri tal-Kunsill biex dejjem jieħdu ħsieb jibagħtu l-agenda minn jiem qabel minn meta tkun ser isir il-laqgħa tas-sotto-kumitat fejn ikun jista' jattendi s-Sindku. Il-minuti tas-sotto-kumitat għandhom ikunu preżentati fil-laqgħa tal-Kunsill waqt li s-sotto-kumitat għandu biss id-dritt li jissuġġerriexxi u jipproponi lill-Kunsill imma ma jistax jieħu deċiżjonijiet.

9.4.2 Il-Viċi Sindku talab biex il-Kunsill jitlob lill-Kumitat tat-Toroq biex tissemma' triq jew isir mafkar għall-artist imwieled ix-Xewkija u li kien emigra l-Kanada, John Calleja. Waqt li l-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan, is-Sindku elenka li jħoss jixraq li jsir monument hekk kif lanqas m'hawn monument wieħed.

9.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet fuq il-preparamenti tal-Karnival. Hi staqsiet jekk kienux ser isiru kompetizzjonijiet tal-kostumi. Is-Sindku wieġeb li ma kienx hemm rispons biex dawn isiru u għalhekk kienu se jiġu eliminati.

9.4.4 Il-Kunsill Johnny Vella reġa' ġibed l-attenzjoni fuq il-ħmieġ fil-Playingfield tal-Barmil peress li l-BIS mhux qed jitbattlu sew. Is-Segretarju ħadet nota biex terġa' tibgħat lill-Kuntrattur responsabli minn dawn il-BIS. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li l-Playingfield tal-Ħamrija mhux qed jinżamm nadif kif suppost. Is-Segretarju ħadet nota biex tibgħat lill-ħaddiema allokati mal-Kunsill b'mod immedjat.

9.4.5 Il-Viċi Sindku staqsa rigward fejn kien wasal il-proġett tal-Playingfield tal-Ħamrija fejn anke il-Kunsilliera Jeanelle Attard rrimarkata li qed jieħu wisq fit-tul u għadu ma beda xejn. Is-Segrtarju wieġbet li t-tender tal-equipment kien se joħroġ il-Ġimgħa 21 ta' Frar 2020. Is-segretarju stqarret li tħoss li l-Perit kien qed iżomm dan il-proġett lura għax ma kienx qed jaqdi lill-Kunsill. Hi talbet lill-Kunsill jikonsidra jekk għandux ibiddel il-Perit f'dan l-istadju.

9.4.6 Il-Viċi Sindku talab li jitwaħħal bank fi Triq L-Arċipriet Ġużepp Grech wara xi residenti talbu li jitwaħħal bank. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

9.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat li kellha laqgħa mad-*DPO Officer* fis-17 ta' Frar 2020 fejn fost l-oħrajn ġew diskussi l-miżuri applikabli li għandhom ikunu fis-seħħ biex il-Kunsill ikun konformi mad-*Data Protection Act*. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li l-filmati tal-pjazza ma kienux miżmuma l-Kunsill u l-perjodu kien ħafna inqas u għalhekk kienet ser tieħu ħsieb tkellem lis-*supplier* biex tara li jsiru l-modifikazzjonijiet neċessarji. Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil unanimu li l-filmati tac-CCTVs għandhom jinżammu fl-Uffiċju Amminstrattiv għall-perjodu ta' xahar. Ġie ukoll deċisiż li dokumenti b'informazzjoni personali għandha tinżamm għal perjodu ta' ħames snin. .

9.4.8 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni rigward lampa li kienet intalbet u kienet għada ma twaħħlitx fi Triq Kav Lorenzo Zammit Ħaber. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-talba u l-applikazzjoni kienu ilhom xhur li ntbagħtu imma sfortunatment il-kuntrattur responsabli kien qed idum xhur biex jieħu ħsieb iwaħħal bozoz ġodda.

9.4.9 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab li jinġabar kantun faċċata ta' Strawberry Supermarket fi Triq Ċanġa li qed ikun t'osktaklu għas-sewwieqa u anke dawk li jgħaddu jimxu fit-triq.

9.4.10 Il-Kunsillier Johnny Vella talab biex isir bozza ġdida ma' faċċata ta' post fi Triq San Ġwann Battista. Il-membri unanimament qablu ma' dan.

9.4.11 Il-Kunsilliera Jeanella Attard ġibdet l-attenzjoni kif il-Kunsill m'applikkax fuq kotba meta ħarġet l-iskema tal-Librerija mentri kunsilli oħrajn applikkaw fuq kotba. Is-segretarju tenniet li kienet iċċekjat qabel ma ngħalqet l-applikazzjoni jekk dan kienx permess u r-risposta kienet fin-negattiv. Is-segretarju għarfet lill-Kunsill li kienet se tiċċekja mad-Dipartiment biex hekk kif din l-allokazzjoni għadha ma ntafqietx naraw li dawn il-flus jintafqu f'kotba għal dawk b'dsylexia, dawk neqsin mid-dawl, etċ jekk kunsilli oħrjan għamlu dan.

9.4.12 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irreferriet għal-laqgħa bejn is-Sindku u l-Kap tal-Iskola li saret. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li tkun preżenti f'laqgħat bħal dawn. Is-Sindku spjega li f'din il-laqgħa ġiet diskussa l-kolloborazzjoni li l-Kunsill ta f'sena biex jispjega lill-Kap tal-Iskola li l-finanzi tal-Kunsill huma limitati. Il-Kunsill iddiskutta l-imejl tal-Kap tal-Iskola fejn talbet il-kolloborazzjoni biex jittranġa l-palk. Il-membri tal-Kunsill qablu li jistennew l-istima qabel ma ttieħed deċiżjoni.

9.4.13 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet għalfejn il-Kunsill ma kienx qed joħroġ il-passaport għall-anzjani mill-HeritageMalta. Is-Segretarju qalet li dan mhux minnu u li kienu ħafna dawk l-anzjani li applikaw għal dan il-passaport il-Kunsill u rċevew il-passaport bil-posta d-dar.

9.4.14 Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jidħol *partner* flimkien mal-Banda Prekursur biex b'hekk dawn ikunu jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet taħt miżuri li ħarġu l-GAGF. Il-membri tal-Kunsill unanimament ma' dan.

9.4.15 Rigward il-korsijiet tal-*Lifelong Learning* ġie diskuss li l-Kunsill għandu japplika biex jiġu offruti l-korsijiet tal-bizzilla, ganċ u kors bażiku fil-fotografija. Il-korsijiet għandhom jiġu provduti fil-Kunsill il-qadim.

9.4.16 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard reġgħet ġibdet l-attenzjoni fuq il-possibilta' li Triq L-Indipendenza ssir one-way. Il-membri qablu waqt li s-Sindku oppona u għalhekk is-Segretarju ħadet nota biex tinforma lill-TM.

**9.5 Ħruġ Tender tal-Knis u Żamma tat-Toroq**

9.5.1 Is-Sindku kkomunika li għalkemm kienet intbagħtet ittra reġistrata li l-kuntratturi responsabbli mill-knis u żamma tat-toroq jħoss li l-livell ta' ndafa xorta m'huwiex dak li jixtieq bil-Kunsill jispiċċa jiġbed l-attenzjoni lill-kuntratturi kontinwament minħabba l-ilmenti li jirċievi. Is-Sindku stqarr li jixtieq li issa li l-kuntratt wasal biex jispiċċa l-Kunsill jipprova jiknes bil- *Community Workers* anke wara li s-s*upervisor* responsabli minn dawn il-ħaddiema offra lis-Sindku jara jekk għandux bżonn aktar ħaddiema. Is-Sindku tenna li l-piż finanzjarju fuq il-Kunsill kien żdied ġmielu kemm biż-żieda ta' paga fl-Amminstrazzjoni tal-Kunsill u anke peress li l-ġbir taż-żibel kien irdoppja fl-ispiża

9.5.2 Il-Viċi Sindku rrimarka li rigward l-ispiża tal-ġbir taż-żibel, il-Kunsill kien żbalja li m'esplorax il-possibilta' li jixtri trakk u ż-żibel jibda jinġabar mill-*Community Workers* allokati mal-Kunsill. Il-Viċi Sindku oppona għall-proposta' li l-knis isir min-naħa tal-*Community Workers* għax stqarr li meta l-Kunsill prova jiknes b'dawn il-ħaddiema fis-sajf tal-2018 dawn il-ħaddiema talbu transferiment. Il-Viċi Sindku stqarr ukoll li hu qed idur ħafna mar-raħal u jħoss li hawn l-indafa.

**9.6 Rapporti Finanzjarji: Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2019**
**Pjan ta' Ħidma (għall-5 snin li ġejjin)**
**Budget 2020**

9.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri tal-Kunsill li l-*accountant* kien bagħat imejl minuti biss qabel ma bdiet il-laqgħa jinfurmaha li kien se jkun indispost u għaldaqstant ma jistax ikunu preżenti biex jispjega dawn ir-rapporti. Is-segretarju stqarret li kienet se titlob data alternattiva biex tara meta l-*accountant* ikun jista' jattendi u tissejjaħ laqgħa b'urġenza.

**9.7 Korrispondenza u Materji Oħra**

9.7.1 Imejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv is-Sa Marion Attard, lis-Supretendent tal-Pulizija fejn talbet assistenza min-naħa tal-Pulizija fi Triq il-Ħamrija waqt il-ħinijiet tal-VPA School, minħabba l-perikli li qed ikun hemm.

9.7.2 Talba għall-ħlas mis-Sa Jeanelle Attard għall-monitor tal-librerija li hija ħadet il-librerija peress li l-monitor ta' qabel kien bil-ħsara.

9.7.3 Imejl mis-Sa Margaret Zammit fejn infurmat dwar it-tibdil tal-ħlas tal-librara għas-sena 2020.

9.7.4 Ittra mingħand l-Editur tal-ktieb tal-Festa tas-Soċjeta' Filarmonika Prekursur, is-Sur M'Angelo Camilleri, fejn talab għal kontribuzzjoni mill-Kunsill għal fuq dan il-ktieb.

9.7.5 Imejl mingħand is-Sa Marlene Mejlak, mill-Uffiċċju Elettorali fejn infurmat lill-Kunsill illi l-Kumitat għall-ismijiet tat-Toroq huwa xolt, meta jinħatar Kumitat ġdid it-talba tal-kunsill tiġi kkunsidrata.

9.7.6 Ċirkulari SPI 1 2020 – Korsijiet LifeLong Learning 2020. Iċ-Ċirkolari ġiet diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

9.7.7 Imejl mingħand Reading Club International dwar kollaborazzjoni bejniethom u l-Kunsill dwar workshops li jkunu maqsuma f'4 sessjonijiet mifruxa fuq jumejn. Dawn ikunu ntenzjonati biex jippromwovu l-użu tal-libreriji u l-qari.

9.7.8 Imejl mingħand is-Sa Mary Ann Zahra minn Wilton Certified Instructor, dwar korsijiet tad-dekorazzjonijiet tal-kejkijiet.

9.7.9 Imejl mingħand is-Sur Glen Grima Butler, mill-grupp 'Battlefields Living History Reenactment Troops'. Huwa qal li il-grupp tagħhom jorganizza reenactments ta suldati Ġermaniżi u Amerikani taż-żminijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija.

9.7.10 Imejl mingħand is-Sa Veronica Veen, fejn talbet għall-kollaborazzjoni mill-Kunsill Lokali għall-ktieb il-ġdid dwar Għawdex.

9.7.11 Ċirkulari AKL 2020/009 – Tqassim ta' Borża Organika mill-Wasteserv. Dan ser isir fl-aħħar tax-xahar ta' Frar 2020, kif ukoll fil-bidu ta' Ġunju.

9.7.12 Ċirkulari AKL 2020/008 – Sessjoni ta' taħriġ fuq l-Evalwazzjoni ta' Tenders.

9.7.13 Imejl mingħand id-Direttur Artistiku ta' Gaulitana: A Festival of Music, fejn qal li l-kunċert dis-sena ser isir bejn it-28 ta' Marzu u s-26 ta' April 2020. Huwa talab biex bħas-snin l-imgħoddija, l-Kunsill Lokali ix-Xewkija jikkolobora għall-din l-attivita. Il-membri tal-Kunsill u ddiskuttew li peress li

9.7.14 Imejl mingħand is-Sa Lina Vuk, għalliema tal-Yoga, fejn offriet is-servizz tagħha biex isiru sessjonijiet fil-lokalita tax-Xewkija.

9.7.15 Ċirkulari AKL 2020/010 – EUSEW2020 Awards: Nominate Women in Energy.

9.7.16 Imejl mingħand il-Kap tal-iskola Primarja tax-Xewkija, is-Sa Frankline Zammit Galea fejn talbet għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill fuq ix-xogħol tal-faċċata tal-palk tal-iskola.

9.7.17 Ċirkulari AKL 2020/012 – Malta Climate Change Townhall Style Meeting. Dan ser isir il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2020 bejn 12.00 u 16.00 fis-Seashells Resort.

9.7.18 Talba mingħand persuna anonima biex issir Sleeping Police fi Triq il-Knisja qrib is-Sqaq Nru 1.

9.7.19 Talba mingħand residenta fejn bagħtet fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill Lokali ix-Xewkija. Hija ssuġġerit li jsir mezz ta' transport għall-anzjani biex iwassalhom fil-postijiet ta' bżonn bħal Berġa, Bank, etc. Il-Kunsill iddiskutta li l-Kunsill m'għandux garaxx u biex toffri dan is-servizz trid ħaddiem li jkun xogħlu xufier biss.

9.7.20 Suġġeriment mingħand persuna anonima biex isiru aktar Bins fi Pjazza San Ġwann Battista. Il-Kunsill innota l-ilment.

9.7.21 Rapport ta' mera mkissra fi Triq tal-Kanal.

9.7.22 Ilmenti dwar ħmieġ u tiben li qed ikun hemm fi Triq ta' Ġokk ħdejn il-Playingfield. Is-Sindku kkomunika li qed jirċievi diversi ilmenti fuq il-ħmieġ minn din l-istess persuna u kien se jkellem lil din il-persuna.

**9.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti**

9.8.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**9.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

9.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm. Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 25 ta' Marzu fl-4.00pm.

Konfermati, illum **27 t'April 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ______________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |